MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 12/2008

Kawza fil-lista: 1

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Lulju 1979, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett-it tfal li llum huma lkoll maggjorenni; li l-hajja konjugali bejniethom llum saret impossibbli ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-konvenut, kif ukoll minhabba nkompatibilita' ta' karattru; li l-attrici giet debitament awtorizzata tipprocedi b' din il-kawza; ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tort tal-konvenut, [2]u [3] tordna

lill-konvenut ihallas lilha retta alimentarja jew somma globali bhala manteniment, [4] tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 tal-Kap precitat, [5] u [6] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tigi likwidata u assenjata, [7] tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha li jinsabu ghandu, [8] tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar konjugali, bl-isem ‘Madvic’ hamsa [5] Triq San Pawl, Had Dingli, ad eskluzzjoni tal-konvenut; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta guramentat li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara li hu jaqbel li ghandha tigi pronunzjata l-firda personali bejn il-partijiet, isostni li dan hu tort ta’ l-attrici fit-termini ta’ l-artikoli fuq citati mill-istess attrici fil-konfront tieghu; jiddikjara li jaqbel li ghandha tigi xjolta, likwidata u diviza l-komunjoni ta’ l-akkwisti; u jopponi ghall-kumplament tat-talbiet ta’ l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat in-nota kongunta prezentata mill-partijiet fit-22 ta’ April 2010, u li tinsab inserita fil-process a fols.112 sa 117, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A ];

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut minhabba li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossiblli ghar-ragunijiet attribwibbli lill-konvenut, u kontemplati fl-artikoli precitat. Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni pesonali, jirreciproka l-akkuzi.

Illi fit-22 ta’ April 2010 il-partijiet prezentaw nota kongunta li fiha ndikaw il-ftehim taghhom dwar diversi aspetti tal-kawza, liema nota tinsab annessa mal-gudizzju odjern.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddecidi l-kawza kif ser jinghad:

[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;
[2] tichad it-tieni u t-tielet talba f’ dan l-istadju, bir-rizerva tad-dritt reciproku tal-partijiet li fil-futur jitolbu l-manteniment minghand xulxin, fit-termini ta’ dak kontenut fis-sezzjoni ‘Manteniment’ fin-nota annessa;
[3] tichad ir-raba talba;
[4] tilqa’ l-hames, is-sitt u s-seba’ talba billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u li din tigi likwidata u assenjata fit-termini ta’ l-imsemmija nota, kif stabbilit u ndikat fis-sezzjonijiet ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’, ‘Kontijiet Bankarji’, u ‘Djun’;
[5] tichad it-tmien talba.

L-ispejjez tal-hrug tal-kontromandati ghandhom jigu sopportati kif stabbilit fl-annessa nota; filwaqt li l-ispejjez tal-kawza, jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------